KUNSILL LOKALI – TA' SANNAT – LOCAL COUNCIL

*Labor Ante Omnia*

# MINUTI

## Laqgħa b'urġenza tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat

## TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 90

31 ta' Ottubru, 2018

Il-Kunsilli Lokali Ta' Sannat ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz fi Triq Sannat, Ta' Sannat, fis-12.50 p.m.

PREŻENTI:

Philip Vella – Sindku
Frances Galea – Viċi Sindku
Joseph Bajada – Kunsillier
Margaret Said – Kunsilliera

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):
n/a

ASSENTI
Maria Cassar Sultana – Kunsillera
Marie Georgette Spiteri – Ambaxxattriċi għaż-Żgħażagħ

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Jason Curmi – Segretarju Eżekuttiv

**Aġenda Nru. 90**

90.1 Tender SNTLC07/2018 Repaving of Pjazza Santa Margerita.

## Minuti

Is-Sindku Philip Vella ippresjeda l-laqgħa wara li ntqalet talba tal-bidu. Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-membri tal-Kunsill li kulħadd kien infurmat b'din il-laqgħa. Il-Kunsilliera Cassar Sultana u l-Ambaxxatriċi ma attendewx għal din il-laqgħa.

## 90.1 Tender SNTLC 07/2018 Repaving of Pjazza Santa Margerita

90.1.1 Is-Sindku qal u rringrazzja lill-membri tal-Kunsill preżenti li kellha tissejjaħ din il-laqgħa b'urġenza peress li l-Kunsill kif kien qal fl-aħħar laqgħa preċedenti kien ħareġ is-sejħa għal offerti bis-sistema tal-ePPS ta' Tender SNTLC 07/2018 Repaving of Pjazza Santa Margerita u li din l-offerta għalqet nhar il-Ġimgħa 26 ta' Ottubru 2018 fejn dakinhar stess fl-10.30 ta' filgħodu u l-bieraħ fis-2.30 p.m. il-bord kompost miċ-Chairman Philip Vella (Sindku), il-membri ta dan il-bord l-Avukat Mario Scerri, l-Accountant Pauliana Said u l-Perit Robert Cachia (membru maħtur mill-Ministeru għal Għawdex) flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv iltaqgħu biex jiġi aġġudikat w evalwatt mill-membri dawk id-dokumenti ofruti biex il-Kunsill ikun jista jwettaq dan il-proġett ta' din il-pjazza. Għal din l-offerta kienu nteressati żewġ kuntratturi biss. Fir-rapport ippreparat mill-bord qal li din l-offerta għanda tiġi rrifjutata peress li ż-żewġ offerti kienu ħafna aktar ogħla mill-istima u għalhekk għandha terġa toħroġ offerta oħra mill-ġdid. Is-Sindku qal li fl-offerta għandu jiġi miżjud iż-żmien stipulat biex jitwettaq dan il-proġett fejn minnflok tnax il-ġimgħa dan għandu jiżdied għal tnax il-ġimgħa oħra jiġifieri erbgħa u għoxrin ġimgħa b'kollox. Hu qal ukoll li għandha tintalab li ssir laqgħa mall-Ministeru għal Għawdex peress li se jkun qed jiffinanzja dan il-proġett biex b'hekk jkun infurmat b'dan kollu u li dan il-proġett jista jsir biss dejjem suġġett għal fondi miksuba.

90.1.2 Il-Kunsill qabel ma dan u li din l-offerta għandha terġa toħroġ mill-ġdid.

90.1.3 Il-laqgħa ntemmet fis-1.05 p.m.

Konfermati, illum 19 ta' Novembru 2018

| | |
|---|---|
| (Iffirmata) | (Iffirmata) |
| Philip Vella | Jason Curmi |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |